FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI
BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

MAĠISTRAT DR. ANN MARIE THAKE
LL.B., Adv. LL.M., LL.D

Illum, 26 ta' Frar 2025

**Repubblika ta' Malta**
**vs**
**Emanuel Sciberras**

Każ. nru. 485/2024 AMT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Emanuel Sciberras**, iben Joseph u Pawla Sciberras xebba Borg, imwieled il-Qrendi nhar it-2 ta' Settembru tas-sena 1960 u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 588660M, akkużat talli ġewwa Triq il-Qrendi, Żurrieq u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta ta' bejn it-tmienja (20:00hrs) u l-għaxra (22:00) ta' filgħaxija:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Edison Hima, detentur tal-karta tal-identita numru 230633A f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe offiża ta' natura gravi fuq l-istess Edison Hima, hekk kif ġie iċċertifikat minn Dr Gerada, liema offiża gravi ġiet magħmula bi strument li jaqta` jew iniggeż;
2. Bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' offiża ta' natura gravi u ċioe li jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Vasil Hima, detentur tal-karta tal-identita numru 412185A permezz ta' strument li jaqta` jew iniggeż, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tiegħu.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta tal-persuna offiżi u l-familji tagħhom ai termini tal-artikoli 382A, 383, 384, u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u tħaddem kontra l-imputat id-disposizzjonijiet tal-artikolu 532B u/jew tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat illi waqt is-seduta tat-12 ta' Diċemnbru 2024 il-Prosekuzzjoni iddikjarat illi l-imputat għandu jiġi liberat mill-ewwel u t-tieni imputazzjoni limitatament fir-rigward tal-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress illi ma tirriżultax.

Rat illi waqt is-seduta tat-12 ta' Diċembru 2024 l-imputat, debitament assistit mill-avukati tal-fiduċja tiegħu, irreġistra ammissjoni fir-rigward tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu, u kkonferma din l-ammissjoni wara li l-Qorti avżatu bl-aktar mod solenni u b'lingwaġġ li jinftiehem bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed biex jerġa jikkonsulta mal-avukati tal-fiduċja tiegħu, jirrikkonsidra d-dikjarazzjoni tagħha u jerġgħu lura minnha.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament u rat il-provi, l-atti u d-dokumenti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena;

**Ikkonsidrat;**

Fid-dawl tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat il-Qorti ma tistax ħlief issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu, u dan apparti għal dak li jirrigwarda l-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta in vista tad-dikjarazzjoni magħmula mill-prosekuzzjoni kif spejgat hawn fuq.

Il-Qorti rat il-*pre sentencing report* redat mill-Uffiċjal tal-Probation Anabel Ebejer, preżentat waqt is-seduta tal-4 ta' Frar 2025, mill-liema jirriżulta li l-unika aspett problematiku identifikat f'ħajjet l-imputat huwa li għandu diffikulta sabiex jikkontrolla l-emozzjonijiet tiegħu u li għaldaqstant ikun ta' benefiċċju għalih li dan jiġi indirizzat. L-Uffiċjal tal-Probation tkellmet mal-Ispettur James Mallia li investiga l-każ u ma' wieħed mill-vittmi, Edison Hima, li t-tnejn sostnew li l-imputat għandu jingħata piena karċerarja effettiva ikkonsidrat l-attakk vjolenti u mingħajr provokazzjoni kommess minnu. Minkejja dan l-Uffiċjal tal-Probation irrakkomandat illi l-imputat jingħata Ordni ta' Probation flimkien ma' Ordni ta' Trattament sabiex jingħata għajnuna biex jikkontrolla l-emozzjonijiet tiegħu, wara li fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha meqjusa minnha kienet tal-fehma illi kien "jinħass il-bżonn li l-imputat ikollu gwida neċessarja sabiex jindirizza d-diffikultajiet tiegħu iżda s-sentenza tkun waħda ta' retribuzzjoni."

Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Novembru 2006 fejn ġie kkunsidrat hekk:

> "*Il-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

Fl-ikkalibrar tal-piena, apparti l-*pre-sentencing report* il-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni wkoll il-fedina penali kważi netta tal-imputat, li ma toħloq l-ebda tħassib jew biża li l-imputat huwa persuna vjolenti jew propens għal vjolenza.

Filwaqt li l-aggressjoni u l-vjolenza mhijiex u ma tista` qatt tiġi ttolerata, partikolarment f'dan il-każ fejn il-vittmi ġew aggrediti mingħajr l-ebda provokazzjoni waqt li kienu qed jagħmlu xogħolhom, din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li jidher li dan kien incident waħdini u mhux imġieba ripetuta. Relevanti wkoll il-fatt li l-vittmi ma ġarrbu l-ebda difett permanenti jew sfreġju. Il-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni wkoll l-ammissjoni tal-imputat, li turi li l-imputat fehem u aċċetta li dak li għamel huwa żbaljat u li lest li jerfa responsabilita għal għemilu. Inoltre, il-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni b'mod partikolari il-qbil bejn id-difiża u l-prosekuzzjoni li l-imputat jingħata l-piena suġġerita mill-Uffiċjal tal-Probation. Wara li ħadet dan kollu in konsiderazzjoni, il-Qorti tqis illi il-piena hekk suġġerita hija l-aktar piena idoneja fiċ-ċirkostanzi, partikolarment ikkonsidrat li ser tkun qed tiġi abbinata ma' Ordni ta' Trattament sabiex l-imputat jiġi megħjun jitgħallem jikkontrolla l-emozzjonijiet tiegħu, biex b'hekk jiżdied aktar iċ-ċans ta' riabilitazzjoni tal-imputat.

**Decide**

Għal dawn il-motivi il-Qorti. wara li rat l-artikoli 41, 214, 215, 216, u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu, iżda tilliberah limitatament għal dak li jirrigwarda l-offiża gravi ikkontemplata fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tpoggih taħt Ordni ta' Probation għal tlett (3) snin, skont it-termini msemmija fid-digriet li qed jiġi anness ma' din is-sentenza.

Inoltre, l-Qorti qegħda tqiegħed lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali għal tlett (3) snin, skont it-termini imsemmija fid-digriet li qed jiġi anness ma' din is-sentenza.

Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilità tiegħu jekk jonqos milli jikkonforma ruħu ma xi rekwiżit jew kondizzjoni tal-Ordni ta' Probation jew l-Ordni ta' Trattament.

Il-Qorti tordna, ai termini ta' l-Artikolu 392A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-Avukat Ġenerali tingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol.

Dr. Ann Marie Thake
Maġistrat

Ylenia Spiteri
Deputat Reġistratur